# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 14 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  2396/99 M3 NA**

**Josephine Borg**

**vs**

**Loreto Borg**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tad-29 ta' Frar 2000 fejn titlob lill-Qorti tordna lill-intimat johrog mid-dar konjugali biex tkun tista' tabita fiha hi mal-minuri u dan ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Il-konvenut dam ma gie notifikat.  Wara li gie notifikat fir-risposta tieghu tal-5 ta' Gunju 2000 jitlob lill-Qorti tichad it-talba attrici wkoll ghar-ragunijiet hemm moghtija, fosthom li d-dar hija proprieta' parafernali tieghu.  Din ir-raguni qieghdha tissemma' specifikatament f'dan id-digriet peress illi l-Qorti

jidhrilha illi ghandha tirrimarka mal-ewwel illi din ir-raguni ma hijiex wahda sufficjenti biex il-Qorti ma tordna lill-intimat johrog mid-dar matrimonjali *pendente lite* minkejja illi hija proprieta' parafernali tieghu jekk tkun tal-fehma illi jirrikorru ragunijiet validi biex dan hija taghmlu.

Ir-rikors gie appuntat ghall-15 ta' Novembru 2000 fejn xehdet l-attrici. L-intimat u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux minkejja illi l-intimat kien gie notifikat bl-avviz tas-smiegh. Ir-rikors baqa' ghalhekk differit ghall-provi ta' l-intimat bil-hin ghas-seduta tat-22 ta' Jannar 2001. F'din is-seduta dehru l-partijiet pero' r-rikors gie differit ghall-10 ta' Mejju 2001 peress illi l-Qorti dehrilha, wara illi kellmet lill-istess partijiet, illi kien hemm possibbilita' ta' rikonciljazzjoni. Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001 l-intimat u d-difensur tieghu regghu ma dehrux. F'din is-seduta xehed Brian Magro, Social Worker, u r-rikors gie differit fuq talba ta' l-attrici ghall-5 ta' Gunju 2001. Brian Magro rega' xehed f'din is-seduta u regghet xehdet l-attrici filwaqt illi l-konvenut u d-difensur tieghu ghal darb'ohra ma dehrux. L-attrici esebit kopja tar-rapport ta' l-istess Social Worker u r-rikors baqa' differit ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ghotja ta' dan id-digriet din il-Qorti jkollha tistrieh biss fuq il-provi mressqa mill-attrici li ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenut li kellu diversi opportunitajiet biex jipprezenta l-verzjoni tal-fatti tieghu.

Mill-provi li ressqet l-attrici jirrizulta illi, minkejja diversi tentattivi taghha biex issalva z-zwieg, dan ma rnexxiex ghax il-konvenut baqa' bl-istess attitudni indifferenti lejha u lejn it-tfal.  Jirrizulta, infatti, minn dawn il-provi illi l-konvenut ighix ghal rasu u ma ghandu ebda komunikazzjoni sew mal-mara sew mat-tfal minuri.  Affezzjoni matrimonjali u familjari f'dan iz-zwieg jirrizulta li llum ma jezistux aktar u l-konvenut aktar mohhu fi hbiebu, fl-insib u fil-kacca, infatti jaghmel zmien twil ighix wahdu fir-razzett li ghandu.

Apparti mill-kazijiet ovvji ta' vjolenza fizika fuq il-parti l-ohra jew fuq it-tfal minuri u ta' korruzzjoni ta' l-istess minuri, din il-Qorti ma ezitatx li tordna din il-mizura wkoll f'dawk il-kazijiet fejn, kagun ta' l-agir ta' parti wahda, kienet giet kreata tant tensjoni fid-dar konjugali (apparti mit-tensjoni normali li tabilfors iggib kull separazzjoni) illi l-Qorti dehrilha illi kien fl-

interess mhux biss tat-tfal minuri izda wkoll taz-zewg mizzewgin li din il-mizura tigi addottata.  Dan kien japplika partikolarment u aktar f'dawk il-kazijiet fejn kien hemm akkomodazzjoni alternattiva li fiha setghet tabita l-parti l-ohra.

F'dan il-kaz lill-Qorti rrizultalha illi tezisti din it-tensjoni, din il-vjolenza morali li ghandha twassalha biex tordna din il-mizura. Jirrizulta wkoll illi l-intimat b'daqsxejn miljoramenti jkun jista' jabita komodament fir-razzett li ghandu fejn diga' ghamel zmien konsiderevoli jghix u fejn kienet marret anke tghix mieghu l-mara mat-tfal minuri u forsi kienet tibqa' hemm hlief ghan-nuqqas ta' privatezza li hija kellha.  In kwantu ghall-interess ta' l-istess konvenut (interess guridikament rikonoxxut f'dawn il-kazijiet sew fil-gurisprudenza lokali sew f'dik estera - ara f'dan ir-rigward il-provvedimenti tal-Prim'Awla "Chircop/Chircop" - 6/11/97;  "Mallia/Mallia" - 14/10/98 u "Grech vs Grech" - 1/2/94) minkejja illi l-Qorti xtaqet tisma' l-verzjoni tieghu huwa ma deherlux illi din kellha tinghata u ghalhekk dan in-nuqqas ta' interess da parti tieghu ma jistax ma jkunx raguni addizzjonali ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

It-talba hija ghalhekk milqugha bl-ispejjez u l-intimat ghandu johrog mid-dar konjugali *pendente lite* u dana fi zmien xahar millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.